

Domandi preliminari

- 1) L-Artikolu 81(1) KE (li sar l-Artikolu 101(1) TFUE) jista' jiġi interpretat fis-sens li l-istess aġir jista' jiġi kklassifikat bħala ksur ta' din id-dispożizzjoni kemm minħabba l-għan antikompettittiv tiegħu kif ukoll minħabba l-effetti antikompettittivi tiegħu, għalkemm fuq bażijiet ġuridiċi differenti?
- 2) L-Artikolu 81(1) KE (li sar l-Artikolu 101(1) TFUE) jista' jiġi interpretat fis-sens li l-ftehim konkluż bejn banek membri Ungeriżi, inkwistjoni fil-kawża prinċipali, jikkostitwixxi restrizzjoni tal-kompettizzjoni minħabba l-għan tiegħu, sa fejn dan jistabbilixxi f'ammont uniformi għaż-żewġ impriżi ta' karti ta' kreditu Visa u MasterCard it-tariffa ta' skambju li titħallas lill-banek ta' ħruġ inkambju għall-użu tal-karti ta' kreditu tal-imsemmija impriżi?
- 3) L-Artikolu 81(1) KE (li sar l-Artikolu 101(1) TFUE) jista' jiġi interpretat fis-sens li jistgħu jitqiesu wkoll bħala partijiet għall-ftehim interbankarju l-impriżi tal-karti ta' kreditu, li ma pparteċipawx direttament fid-determinazzjoni tal-kontenut tal-ftehim iżda ppermettew li dan jiġi konkluż, u aċċettawh u implimentawh ukoll, jew għandu jiġi konkluż li hemm Prattika miftiehma bejn dawn l-impriżi u l-banek li kkonkludew il-ftehim?
- 4) L-Artikolu 81(1) KE (li sar l-Artikolu 101(1) TFUE) jista' jiġi interpretat fis-sens li, sabiex jiġi stabbilit ksur tad-dritt tal-kompettizzjoni, ma huwiex meħtieġ li ssir distinzjoni bejn jekk il-kawża, fid-dawl tas-suġġett tagħha, tirrigwardax parteċipazzjoni bħala parti għall-ftehim interbankarju jew Prattika miftiehma mal-banek li huma partijiet għall-ftehim?

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa min-Naczelny Sąd Administracyjny (il-Polonja) fit-28 ta' Marzu 2018 – Vega International Car Transport and Logistic – Trading GmbH**(Kawża C-235/18)**

(2018/C 231/17)

Lingwa tal-kawża: il-Pollakk

Qorti tar-rinviju

Naczelny Sąd Administracyjny

Partijiet fil-kawża prinċipali

Appellanti: Vega International Car Transport and Logistic – Trading GmbH

Parti oħra fil-proċedura: Dyrektor Izby Skarbowej w Warszawie (attwalment id-Dyrektor Izby Administracji Skarbowej w Warszawie)

Domanda preliminari

Il-kunċett imsemmi fl-Artikolu 135(1)(b) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud ⁽¹⁾ jinkludi l-attivitajiet ta' tqegħid għad-dispożizzjoni ta' kards tal-karburant kif ukoll dawk ta' negozjar, ta' finanzjament u ta' ħlas għall-akkwist tal-karburant permezz ta' dawn il-kards, jew inkella dawn l-attivitajiet kumplessi jistgħu jitqiesu bħala tranżazzjonijiet f'katina li bħala għan prinċipali għandhom il-kunsinna ta' karburant?

⁽¹⁾ ĠU 2006, L 347, p. 1.

Appell ippreżentat fis-16 ta' April 2018 mill-Kummissjoni Ewropea mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (It-Tieni Awla) fil-5 ta' Frar 2018 fil-Kawża T-216/15, Dôvera zdravotná poist'ovňa, a.s. vs Il-Kummissjoni Ewropea**(Kawża C-262/18 P)**

(2018/C 231/18)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Appellanti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: P.J. Loewenthal, F. Tomat, aġenti)